SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

6 ta' Novembru 2018*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol – Direttiva 2003/88/KE – Artikolu 7 – Dritt għal-leave annwali mħallas – Relazzjoni tax-xogħol li tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timpedixxi l-ħlas, lill-aventi kawża tal-ħaddiem, ta' kumpens finanzjarju għal leave annwali mħallas mhux meħud minnu – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 31(2) – Invokabbiltà fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi"

Fil-Kawżi magħquda C-569/16 u C-570/16,

li għandhom bħala suġġett żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-18 ta' Ottubru 2016, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Novembru 2016, fil-kawżi

Stadt Wuppertal

vs

Maria Elisabeth Bauer (C-569/16),

u

Volker Willmeroth, fil-kwalità tiegħu ta' proprjetarju ta' TWI Technische Wartung und Instandsetzung Volker Willmeroth eK

vs

Martina Broßonn (C-570/16),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, J.-C. Bonichot, A. Prechal (Relatur), M. Vilaras, T. von Danwitz, F. Biltgen, K. Jürimäe, C. Lycourgos, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič, J. Malenovský, E. Levits, L. Bay Larsen u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-iStadt Wuppertal, minn T. Herbert, Rechtsanwalt,

– għal M. Broßonn, minn O. Teubler, Rechtsanwalt,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. van Beek u T. S. Bohr, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2018,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381), kif ukoll tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, fil-Kawża C-569/16, l-iStadt Wuppertal (il-belt ta' Wuppertal, il-Ġermanja) u Maria Elisabeth Bauer u, fil-Kawża C-570/16, Volker Willmeroth, fil-kwalità tiegħu ta' proprjetarju ta' TWI Technische Wartung und Instandsetzung Volker Willmeroth eK, u Martina Broßonn, dwar ir-rifjut, mill-belt ta' Wuppertal u minn V. Willmeroth, rispettivament, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li kienet timpjega lill-konjuġi ta' M. E. Bauer u M. Broßonn, li mietu, li jħallsu lil dawn tal-aħħar kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud mill-konjuġi tagħhom qabel mewthom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Ir-raba' premessa tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197), kienet tipprovdi:

"Billi l-Karta Komunitarja tad-drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, adottata mill-Kapijiet ta' l-Istat jew tal-Gvern tal-11-il Stat Membru, fil-laqgħa tagħhom tal-Kunsill Ewropew, miżmuma fi Strasburgu fid-9 ta' Diċembru 1989 tiddikjara, partikolarment fil-[punt] 8 […]:

'[…]

8. Kull ħaddiem fil-Komunità Ewropea għandu jkollu dritt għal perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u għall-*leave* annwali mħallas, li d-dewmien tiegħu ikun armonizzat progressivament permezz ta' prattiki nazzjonali.

[…]'"

4 Kif jirriżulta mill-premessa 1 tagħha, id-Direttiva 2003/88, li ħassret id-Direttiva 93/104, wettqet kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar.

5 Skont il-premessi 4 sa 6 tad-Direttiva 2003/88:

"(4) It-titjib tas-sigurtà, l-iġene u s-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol huwa għan li m'għandux ikun subordinat sempliċement għal raġunijiet ekonomiċi.

(5) Il-ħaddiema kollha għandhom ikollhom perjodi adekwati ta' serħan. Il-kunċett ta' "serħan" għandu jkun espress f'unitajiet ta' ħin, i.e. f'jiem, f'sigħat u/jew frazzjonijiet tagħhom. Il-ħaddiema tal-[Unjoni Ewropea] għandhom ikunu mogħtija l-perjodi minimi ta' serħan ta' kull jum u ta' kull ġimgħa, u waqfien adekwati. […]

(6) Akkont għandu jittieħed tal-prinċipji ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) fir-rigward ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, inklużi dawk relatati max-xogħol ta' bil-lejl."

6 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li jirriproduċi bi kliem identiku l-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/104, huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-*leave* annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', *leave* bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2. Il-perjodu minimu ta' *leave* annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

7 L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet tagħha. Madankollu, ma hija permessa ebda deroga fir-rigward tal-Artikolu 7 tagħha.

Id-dritt Ġermaniż

8 L-Artikolu 7(4) tal-Bundesurlaubsgesetz (il-Liġi Federali dwar il-Leave) tat-8 ta' Jannar 1963 (BGBl. 1963, p. 2), fil-verżjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002 (BGBl. 2002 I, p. 1529) (iktar 'il quddiem il-"BUrlG"), jipprevedi:

"Jekk, minħabba t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, il-leave ma jistax jibqa' jingħata totalment jew parzjalment, ikun hemm lok li jingħata kumpens."

9 L-Artikolu 1922(1) tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili, iktar 'il quddiem il-"BGB") jistipula, taħt it-titolu "Suċċessjoni universali":

"L-universalità tal-assi ta' persuna (suċċessjoni) hija trażmessa, mal-mewt ta' dan tal-aħħar (apertura tas-suċċessjoni), lil persuna waħda jew lil iktar persuni (eredi)."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

10 M. E. Bauer hija l-unika aventi kawża ta' żewġha, li miet fl-20 ta' Diċembru 2010, li kien impjegat mill-belt ta' Wuppertal. Din tal-aħħar ċaħdet it-talba ta' M. E. Bauer għall-għoti ta' kumpens ta' EUR 5 857.75 korrispondenti għal 25 ġurnata ta' leave annwali mħallsa mhux meħuda minn żewġha fid-data tal-mewt tiegħu.

11 M. Broßonn hija l-unika aventi kawża ta' żewġha li kien impjegat minn V. Willmeroth sa mill-2003 u li miet fl-4 ta' Jannar 2013, wara li sa minn Lulju 2012 sab ruħu inkapaċi għax-xogħol minħabba mard. V. Willmeroth ċaħad it-talba ta' M. Broßonn għall-għoti ta' kumpens ta' EUR 3 702.72 korrispondenti għal 32 ġurnata ta' leave annwali mħallsa mhux meħuda minn żewġha fid-data tal-mewt tiegħu.

12 M. E. Bauer u M. Broßonn adixxew, kull waħda minnhom għal dak li jikkonċernaha, lill-Arbeitsgericht (il-Qorti Industrijali, il-Ġermanja) kompetenti b'talba intiża li jinkiseb il-ħlas tal-imsemmi kumpens. Dawn it-talbiet intlaqgħu, u l-appelli ppreżentati mill-belt ta' Wuppertal u minn V. Willmeroth, rispettivament, kontra dawn is-sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza ġew miċħuda mil-Landesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Superjuri, il-Ġermanja) kompetenti. Il-belt ta' Wuppertal u V. Willmeroth għaldaqstant adixxew lill-qorti tar-rinviju, il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) b'rikors għal reviżjoni kontra dawn id-deċiżjonijiet.

13 Fid-deċiżjonijiet ta' rinviju adottati f'kull waħda minn dawn iż-żewġ kawżi, il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755), li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjonijiet jew prattiki nazzjonali li jipprevedu li d-dritt għal-leave annwali mħallas jintemm mingħajr dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud, meta r-relazzjoni ta' xogħol tiġi tterminata minħabba l-mewt tal-ħaddiem.

14 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan japplikax ukoll meta d-dritt nazzjonali jeskludi li tali kumpens finanzjarju jista' jifforma parti mill-assi ereditarji.

15 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tindika li, moqrija flimkien, l-Artikolu 7(4) tal-BUrlG u l-Artikolu 1922(1) tal-BGB, fil-fatt għandhom il-konsegwenza li d-dritt għal-leave annwali mħallas tal-ħaddiem jintemm ma' mewtu b'tali mod li ma jistax jitbiddel fi dritt għal kumpens finanzjarju u lanqas jifforma parti mill-assi ereditarji. Barra minn hekk, din tippreċiża li kull interpretazzjoni oħra tal-imsemmija dispożizzjonijiet tkun *contra legem* u, għalhekk, ma tistax tkun aċċettata.

16 Issa, minn naħa, il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2011, KHS (C-214/10, EU:C:2011:761), iddeċidiet li d-dritt għal-leave annwali mħallas seta' jintemm wara ħmistax-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza, peress li kien għadu ma ssodisfax l-għan tal-imsemmi leave, jiġifieri li jippermetti lill-ħaddiem li jistrieħ u li jkollu perijodu ta' rilassament u ta' rikreazzjoni. Min-naħa l-oħra, peress li jidhrilha li dan l-għan lanqas ma jista' jintlaħaq jekk l-impjegat ikun miet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-tmiem tad-dritt għal-leave annwali mħallas u għall-kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud ikunx jista' jiġi ammess ukoll f'dan l-aħħar każ. Skont l-imsemmija qorti, jekk jiġi deċiż mod ieħor ikun qed jiġi ssuġġerit ukoll li l-leave annwali minimu mħallas, iggarantit mid-Direttiva 2003/88 u mill-Karta, għandu wkoll bħala għan li jiżgura protezzjoni tal-eredi tal-ħaddiem li jkun miet.

17 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, barra minn hekk, jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jew l-Artikolu 31(2) tal-Karta jistax ikollhom l-effett li jobbligaw lill-persuna li timpjega tħallas kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud lill-eredi tal-ħaddiem, irrispettivament mill-fatt li, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali msemmija fil-punt 15 ta' din is-sentenza jeskludu din il-possibbiltà.

18 Fl-aħħar nett, fil-Kawża C-570/16, il-qorti tar-rinviju, li tirrileva li l-kawża prinċipali hija bejn żewġ individwi, tistaqsi jekk l-effett dirett eventwali tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni huwiex ukoll suxxettibbli li jopera f'kuntest bħal dan.

19 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, u dawn id-domandi huma magħmula, l-ewwel waħda, f'termini identiċi fil-Kawżi C-569/70 u C-570/16, u, it-tieni, fil-Kawża C-570/16 biss:

"1) L-Artikolu 7 tad-Direttiva [2003/88/KE] jew l-Artikolu 31(2) tal-[Karta] jagħtu lill-eredi ta' ħaddiem li miet waqt li kien għadu attiv, il-benefiċċju ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali minimu li kellu dritt għalih il-ħaddiem qabel il-mewt tiegħu, benefiċċju dan li, skont l-Artikolu 7(4) tal-[BUrlG] moqri flimkien mal-Artikolu 1922(1) tal-[BGB], huwa eskluż?

2) Jekk l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fl-affermattiv: Dan japplika wkoll fil-każ fejn ir-relazzjoni ta' xogħol kienet torbot żewġ individwi?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

20 M. Broßonn tikkontesta l-ammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li, minn naħa, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755), il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jipprekludi dispożizzjonijiet jew prattiki nazzjonali, bħal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li tgħid li, fil-każ ta' mewt tal-ħaddiem, id-dritt għal-leave annwali mħallas jintemm mingħajr ma jagħti lok għal dritt għal kumpens finanzjarju għal leave annwali mħallas mhux meħud. Issa, jekk jitqies li din l-istess dispożizzjoni ma tipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali, sa fejn din teskludi li dan l-istess kumpens jista' jiġi trażmess lill-eredi, twassal biex tirrendi ineffettiv l-insenjament li jirriżulta minn din is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, parti kbira mill-qrati u mid-dottrina nazzjonali jikkunsidraw li huwa possibbli li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi interpretata b'mod konformi ma' dan l-insenjament.

21 F'dan ir-rigward, madankollu, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, minkejja l-fatt li tkun teżisti ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ssolvi l-punt ta' liġi inkwistjoni, il-qrati nazzjonali jibqgħu kompletament liberi li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk iqisu li dan ikun opportun, u l-fatt li d-dispożizzjonijiet li l-interpretazzjoni tagħhom tkun qiegħda tintalab ikunu diġà ġew interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja ma jxekkilx lil din tal-aħħar milli tiddeċiedi mill-ġdid (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Torresi, C-58/13 u C-59/13, EU:C:2014:2088, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Minn dan isegwi li ċ-ċirkustanza li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755), diġà interpretat l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 fir-rigward tal-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax iwassal għall-inammissibbiltà tad-domandi magħmula fil-kuntest ta' dawn il-kawżi.

23 Fit-tieni lok, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Iċ-ċaħda ta' talba mressqa minn qorti tar-rinviju hija possibbli biss jekk b'mod manifest ikun jidher li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth, C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 F'dan ir-rigward, u f'dak li jirrigwarda l-argument ta' M. Broßonn li jgħid li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jista' jiġi interpretat b'mod li tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755), huwa ċertament minnu li l-kwistjoni ta' jekk dispożizzjoni nazzjonali, sa fejn din tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, għandhiex tibqa' mhux applikata tqum biss jekk ebda interpretazzjoni konformi ta' din id-dispożizzjoni ma tkun possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 23).

26 Madankollu, għandu wkoll jitfakkar li dan il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali għandu ċerti limiti. B'hekk, l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' direttiva meta tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tad-dritt nazzjonali huwa limitat mill-prinċipji ġenerali tad-dritt u ma jistax iservi ta' bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Issa, fil-kawża prinċipali, u kif jirriżulta mill-punt 15 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju tindika li tinsab preċiżament affaċċjata b'tali limitu. Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 7(4) tal-BUrlG, moqri flimkien mal-Artikolu 1922(1) tal-BGB fil-fatt ma jistax jingħata interpretazzjoni konformi mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755).

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari ma jistgħux jitqiesu inammissibbli peress li d-domandi magħmula jikkonċernaw il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li dawn jirreferu għalihom jistgħux, fin-nuqqas ta' tali possibbiltà ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, ikollhom il-konsegwenza li l-qorti nazzjonali tkun, jekk ikun il-każ, obbligata ma tapplikax din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kawża bejn żewġ individwi.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari għandhom jiġu kkunsidrati bħala ammissibbli.

Fuq il-mertu

Kunsiderazzjonijiet preliminari

30 Għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta mill-motivi tad-deċiżjonijiet ta' rinviju esposti fil-punti 13 sa 17 ta' din is-sentenza u li fid-dawl tagħhom għandhom jinqraw id-domanda fil-Kawża C-569/16 u l-ewwel domanda fil-Kawża C-570/16, l-imsemmija domandi jinkludu żewġ partijiet distinti.

31 Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u jekk l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755), għandhiex tiġi kkunsidrata mill-ġdid jew aġġustata f'dan ir-rigward.

32 Fit-tieni lok, u jekk jiġi preżunt li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm din l-interpretazzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn l-istess dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li għandhom effett dirett, b'tali mod li l-qorti nazzjonali ssib ruħha obbligata teskludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali sa fejn din ma tkunx tista' tiġi interpretata b'mod konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjonijiet.

33 Fl-aħħar nett, permezz tat-tieni domanda tagħha magħmula fil-Kawża C-570/16, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk tali effett ta' esklużjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni huwiex ukoll suxxettibbli li jopera fil-kuntest ta' kawża bejn żewġ individwi.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandhom jiġu eżaminati, l-ewwel nett, l-ewwel parti tad-domanda magħmula fil-Kawża C-569/16 kif ukoll l-ewwel parti tal-ewwel domanda magħmula fil-Kawża C-570/16 u, fit-tieni lok, u flimkien fir-rigward tar-rabta bejniethom, it-tieni parti tal-imsemmija domandi u t-tieni domanda magħmula fil-Kawża C-570/16.

Fuq l-ewwel parti tad-domanda fil-Kawża C-569/16 u fuq l-ewwel parti tal-ewwel domanda fil-Kawża C-570/16

35 Permezz tal-ewwel parti tad-domanda tagħha fil-Kawża C-569/16, identika għall-ewwel parti tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-570/16, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema, meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem, id-dritt għal-leave annwali mħallas miksub bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet u mhux meħud mill-ħaddiem qabel il-mewt tiegħu jispiċċa mingħajr ma jkun jista' jagħti lok għal dritt għal kumpens finanzjarju għall-imsemmi leave li jkun trażmissibbli lill-aventi kawża tal-ħaddiem permezz tas-suċċessjoni.

36 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, għandu jitfakkar li, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju fis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke (C-118/13, EU:C:2014:1755), mogħtija fil-kuntest ta' kawża kkaratterizzata minn kuntest fattwali analogu għal dak ta' dawn il-kawżi magħquda u li kienet tirrigwarda l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 30 ta' din is-sentenza, li l-imsemmija dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li din tipprekludi leġiżlazzjonijiet jew prattiki nazzjonali li jipprevedu li d-dritt għal-leave annwali mħallas jispiċċa mingħajr ma jingħata d-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave mhux meħud, meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem.

37 Hekk kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tar-rinviju u mill-punti 14 sa 16 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju madankollu għandha dubji fir-rigward tal-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja, għar-raġuni, essenzjalment, li l-għanijiet tad-dritt għal-leave annwali mħallas li jippermetti lill-ħaddiem li jistrieħ u li jkollu perijodu ta' rilassament u ta' rikreazzjoni ma jidhrilhiex li għadhom kapaċi jiġu ssodisfatti ladarba l-persuna tkun mietet.

38 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal-leave annwali mħallas ta' kull ħaddiem għandu jitqies li huwa prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni ta' importanza partikolari, li ma tistax issir deroga minnu u li l-implimentazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tista' titwettaq biss fil-limiti espressament stipulati fid-Direttiva 2003/88 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, u sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' dan id-dritt fundamentali stabbilit mid-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv b'detriment għad-drittijiet li l-ħaddiem jikseb minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Hija ġurisprudenza stabbilita li d-dritt għal-leave annwali jikkostitwixxi biss wieħed miż-żewġ aspetti tad-dritt għal-leave annwali mħallas bħala prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni, għaliex dan id-dritt jinkludi wkoll id-dritt għall-ksib ta' ħlas. Fil-fatt, l-espressjoni "leave annwali bil-ħlas", użata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, b'mod partikolari, fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, tfisser li, tul il-perijodu tal-leave annwali fis-sens ta' dan l-artikolu, ir-remunerazzjoni tal-ħaddiem għandha tibqa' titħallas. Fi kliem ieħor, dan tal-aħħar għandu jkompli jirċievi r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ u rilassament (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punti 20 u 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Il-ħlas tal-leave pprovdut fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 huwa intiż sabiex jippermetti lill-ħaddiem jieħu effettivament il-leave li għalih huwa għandu d-dritt (sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Robinson-Steele *et*, C-131/04 u C-257/04, EU:C:2006:177, punt 49).

41 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal-leave annwali, stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, fil-fatt għandu l-għan li jippermetti lill-ħaddiem jistrieħ mit-twettiq tal-kompiti imposti fuqu skont il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, minn naħa, u li jkollu perijodu ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni, min-naħa l-oħra (sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, Maschek, C-341/15, EU:C:2016:576, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 B'hekk, meta jipprovdi li l-perijodu minimu ta' leave annwali mħallas ma jistax jiġi ssostitwit b'kumpens finanzjarju, ħlief fil-każ ta' tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 huwa intiż b'mod partikolari li jiżgura li l-ħaddiem ikun jista' jibbenefika minn mistrieħ effettiv, bl-għan ta' protezzjoni effikaċi tas-sigurtà tiegħu u tas-saħħa tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Robinson-Steele *et*, C-131/04 u C-257/04, EU:C:2006:177, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm, it-teħid effettiv tal-leave annwali mħallas li jkollu dritt għalih il-ħaddiem ma jibqax possibbli. Huwa sabiex jiġi evitat li, minħabba din l-impossibbiltà, tkun eskluża kull tgawdija ta' dan id-dritt mill-ħaddiem, anki f'forma pekunjarja, li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jipprevedi li l-ħaddiem għandu dritt għal kumpens finanzjarju għall-jiem ta' leave annwali mhux meħud (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2009, Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 56; tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 17, kif ukoll tal-20 ta' Lulju 2016, Maschek, C-341/15, EU:C:2016:576, punt 27).

44 Din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxi ebda kundizzjoni għall-għoti tad-dritt għal kumpens finanzjarju ħlief dik relatata mal-fatt, minn naħa, li r-relazzjoni ta' xogħol tkun intemmet u, min-naħa l-oħra, li l-ħaddiem ma jkunx ħa l-leave annwali mħallas kollu li għalih huwa kien intitolat fid-data meta din ir-relazzjoni ġiet fi tmiemha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 23).

45 B'hekk, ir-raġuni li għaliha r-relazzjoni ta' xogħol intemmet ma hijiex rilevanti għad-dritt għal kumpens finanzjarju previst fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, Maschek, C-341/15, EU:C:2016:576, punt 28).

46 Għalkemm iċ-ċirkustanza tal-mewt tal-ħaddiem, ċertament, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, għandha l-konsegwenza inevitabbli li ċċaħħdu minn kull possibbiltà effettiva li jgawdi mill-ħin ta' mistrieħ u ta' rilassament marbuta mad-dritt għal-leave annwali mħallas li għalih huwa kien intitolat fid-data ta' mewt, ma jistax jiġi aċċettat li din iċ-ċirkustanza twassal retroattivament għat-telf totali tad-dritt hekk miksub li, kif ġie mfakkar fil-punt 39 ta' din is-sentenza, jinkludi aspett ieħor ta' importanza ugwali, jiġifieri d-dritt li jinkiseb ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 25).

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jirtira, ħaddiem huwa intitolat għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas li ma jkunx ittieħed minħabba, pereżempju, il-fatt li hu ma eżerċitax il-funzjonijiet tiegħu għal raġunijiet ta' mard (ara s-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, Maschek, C-341/15, EU:C:2016:576, punti 31 u 32, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, lanqas tali ħaddiem ma jista' jgawdi minn leave li għandu jinftiehem bħala perijodu intiż sabiex ikun jista' jistrieħ u jirrilassa bil-ħsieb li l-attività professjonali tiegħu titkompla fil-futur, peress li, bħala prinċipju, huwa jkun daħal f'perijodu ta' inattività professjonali u għaldaqstant, essenzjalment, b'mod konkret jibbenefika mill-imsemmi leave annwali mħallas biss fil-forma pekunjarja tiegħu.

48 Barra minn hekk, ikkunsidrat fl-aspett finanzjarju tiegħu, id-dritt għal-leave annwali mħallas miksub minn ħaddiem huwa ta' natura purament patrimonjali u, bħala tali, għalhekk intiż sabiex jidħol fil-patrimonju tal-persuna kkonċernata, b'tali mod li l-mewt ta' dan tal-aħħar ma tistax iċċaħħad retroattivament dan il-patrimonju u, konsegwentement, dawk li lilhom jiġi mogħti permezz ta' suċċessjoni, mit-tgawdija effettiva ta' dan il-komponent patrimonjali tad-dritt għal-leave annwali mħallas.

49 Fil-fatt, l-estinzjoni tad-dritt miksub ta' ħaddiem għal leave annwali mħallas jew tad-dritt tiegħu korrispondenti għall-ħlas ta' kumpens finanzjarju għal-leave mhux meħud fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, mingħajr ma l-persuna kkonċernata jkollha effettivament il-possibbiltà li teżerċita dan id-dritt għal-leave annwali mħallas, jippreġudika s-sustanza stess ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack, C-579/12 RX–II, EU:C:2013:570, punt 32).

50 Għalhekk, il-benefiċċju ta' kumpens pekunjarju fil-każ fejn ir-relazzjoni ta' xogħol intemmet minħabba l-mewt tal-ħaddiem huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-dritt għal-leave annwali mħallas mogħti lill-ħaddiem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 24).

51 It-tieni nett, għandu jitfakkar li d-dritt għal-leave annwali mħallas, fil-kwalità tiegħu ta' prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni, għandu mhux biss importanza partikolari, iżda huwa wkoll espressament stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta, li l-Artikolu 6(1) TUE jirrikonoxxilu l-istess saħħa legali bħat-Trattati (sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Sobczyszyn, C-178/15, EU:C:2016:502, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Madankollu, id-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma intiżi li jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali twettaq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/88, l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandu jiġi applikat fil-kawżi prinċipali (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale, C-176/12, EU:C:2014:2, punt 43).

54 F'dan ir-rigward, jirriżulta, qabelxejn, mill-kliem stess tal-Artikolu 31(2) tal-Karta li dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi "d-dritt" ta' kull ħaddiem għal "perjodu annwali ta' leave imħallas".

55 Sussegwentement, skont l-ispjegazzjonijiet relatati mal-Artikolu 31 tal-Karta, li, b'mod konformi mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) ta' din il-Karta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-interpretazzjoni tagħha, l-Artikolu 31(2) tal-imsemmija Karta jibbaża ruħu fuq id-Direttiva 93/104 kif ukoll fuq l-Artikolu 2 tal-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f'Torino fit-18 ta' Ottubru 1961 u riveduta fi Strasbourg fit-3 ta' Mejju 1996, u fuq il-punt 8 tal-Karta Komunitarja

tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema,adottata waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew miżmuma fi Strasbourg fid-9 ta' Diċembru 1989 (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack, C-579/12 RX–II, EU:C:2013:570, punt 27).

56 Issa, kif jirriżulta mill-premessa 1 tad-Direttiva 2003/88, din ikkodifikat id-Direttiva 93/104 u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li jirrigwarda d-dritt għal-leave annwali mħallas, jirriproduċi b'mod identiku l-kliem tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/104 (sentenza tad-19 ta' Settembru 2013, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Strack, C-579/12 RX-II, EU:C:2013:570, punt 28).

57 F'dan il-kuntest, fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża li l-espressjoni "leave annwali bil-ħlas" li tinsab fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, li għandha tiġi assimilata ma' dik ta' "perjodu annwali ta' leave imħallas" li tinsab fl-Artikolu 31(2) tal-Karta, tfisser li, tul il-perijodu ta' leave annwali fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-remunerazzjoni għandha tinżamm u li, fi kliem ieħor, il-ħaddiem għandu jirċievi r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Williams *et*, C-155/10, EU:C:2011:588, punti 18 u 19).

58 Kif ġie mfakkar fil-punt 39 ta' din is-sentenza, id-dritt għal-leave annwali jikkostitwixxi biss wieħed miż-żewġ aspetti tad-dritt għal-leave annwali mħallas bħala prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni rifless fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/104 u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, li fil-frattemp ġie espressament stabbilit bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 31(2) tal-Karta. Dan id-dritt fundamentali għaldaqstant jinvolvi wkoll dritt għal ksib ta' ħlas kif ukoll, bħala dritt inerenti għal dan id-dritt għal-leave annwali "imħallas", id-dritt għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mhux meħud meta r-relazzjoni ta' xogħol tiġi fi tmiemha.

59 F'dan ir-rigward, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għal dan id-dritt biss taħt kundizzjonijiet stretti previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, b'mod partikolari, b'osservanza tal-kontenut essenzjali tal-imsemmi dritt. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jidderogaw mill-prinċipju li jirriżulta mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, moqri fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, li jgħid li dritt għal-leave annwali mħallas miksub ma jistax jiġi estint mal-iskadenza tal-perijodu ta' referenza u/jew ta' perijodu għar-rimandar tal-leave stabbilit mid-dritt nazzjonali, meta l-ħaddiem ma kienx f'pożizzjoni li jieħu l-leave tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, King, C-214/16, EU:C:2017:914, punt 56).

60 Kif tfakkar fil-punt 46 ta' din is-sentenza, huwa wkoll esklużi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol minħabba mewt iwassal retroattivament għat-telf totali tad-dritt għal-leave annwali mħallas miksub mill-ħaddiem, peress li fil-fatt, tali dritt, minbarra d-dritt għal-leave bħala tali, jikkostitwixxi aspett ieħor ta' importanza ugwali, jiġifieri d-dritt li jinkiseb ħlas li jiġġustifika l-ħlas lill-persuna kkonċernata jew lill-aventi kawża tagħha ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali mhux meħud meta r-relazzjoni ta' xogħol ġiet fi tmiemha.

61 Għaldaqstant, f'dak li jikkonċerna s-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandu, b'mod partikolari, il-konsegwenza li ma huwiex possibbli għall-Istati Membri li jadottaw leġiżlazzjoni li twassal sabiex il-mewt ta' ħaddiem iċċaħħdu retroattivament mill-benefiċċju tad-drittijiet għal-leave annwali mħallas li kiseb qabel il-mewt tiegħu, u, għaldaqstant, l-aventi kawża tiegħu, mill-benefiċċju tal-kumpens finanzjarju alternattiv, bħala aspett patrimonjali li jagħmel parti mill-imsemmija drittijiet.

62 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, u b'teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li, barra minn hekk, tfakkar fil-punti 38 sa 50 ta' din is-sentenza, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem, jirriżulta mhux biss mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, iżda wkoll mill-Artikolu 31(2) tal-Karta, li, sabiex jiġi evitat li d-dritt fundamentali għal-leave annwali

mħallas miksub minn dan il-ħaddiem jintilef retroattivament, inkluż l-aspett patrimonjali tiegħu, id-dritt tal-persuna kkonċernata għal kumpens finanzjarju għal-leave mhux meħud jgħaddi permezz tas-suċċessjoni għand l-aventi kawża tiegħu.

63 Minn dan isegwi li hemm lok li r-risposta għall-ewwel parti tad-domanda fil-Kawża C-569/16 u għall-ewwel parti tal-ewwel domanda fil-Kawża C-570/16 tkun li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li b'applikazzjoni tagħha, meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem, id-dritt għal-leave annwali mħallas miksub skont l-imsemmija dispożizzjonijiet u mhux meħud minn dan il-ħaddiem qabel il-mewt tiegħu jispiċċa mingħajr ma jkun jista' jagħti lok għal dritt għal kumpens finanzjarju għall-imsemmi leave li jkun trażmissibbli lill-aventi kawża tal-imsemmi ħaddiem permezz tas-suċċessjoni.

Fuq it-tieni parti tad-domanda fil-Kawża C-569/16 kif ukoll fuq it-tieni parti tal-ewwel domanda u fuq it-tieni domanda fil-Kawża C-570/16

64 Permezz tat-tieni parti tad-domanda tagħha fil-Kawża C-569/16 kif ukoll permezz tat-tieni parti tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-70/16, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, fil-każ li jkun impossibbli li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tiġi interpretata b'mod li tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta, l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li għandhom il-konsegwenza li tali leġiżlazzjoni nazzjonali ma għandhiex tiġi applikata mill-qorti nazzjonali u li l-aventi kawża tal-ħaddiem li jkun miet għandu jingħata, mill-persuna li kienet timpjega lil dak il-ħaddiem li miet, kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas miksub skont dawn l-istess dispożizzjonijiet u mhux meħud minn dan il-ħaddiem. Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-570/16, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk tali interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhiex, f'dan il-każ, tapplika wkoll fil-kuntest ta' kawża bejn l-aventi kawża tal-ħaddiem li jkun miet u l-persuna li kienet timpjega lil dan tal-aħħar meta din il-persuna li timpjega tkun individwu.

65 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni nazzjonali, sa fejn din tkun kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, għandhiex tibqa' mhux applikata titqajjem biss jekk ma jkunx possibbli li tingħata interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni konformi ma' dan id-dritt.

66 F'dan ir-rigward għandu jiġi enfasizzat li, meta japplikaw id-dritt nazzjonali, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jinterpretawh sa fejn possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha u, għaldaqstant, jikkonformaw ruħhom mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 288 KE (sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Għandu wkoll isir enfasi fuq il-fatt li l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi jeħtieġ li l-qrati nazzjonali jagħmlu dak kollu li jinsab fil-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt nazzjonali kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti minn dan id-dritt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha (sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit ta' tali interpretazzjoni konformi jinkludi, b'mod partikolari, l-obbligu għall-qrati nazzjonali li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma tistax, b'mod partikolari, validament tikkunsidra li huwa impossibbli għaliha li tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni sempliċement

minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni, b'mod kostanti, ġiet interpretata f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt (sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punti 72 u 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq l-obbligu tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni li tivverifika, fid-dawl tal-prinċipji mfakkra fit-tliet punti preċedenti ta' din is-sentenza, jekk tali interpretazzjoni konformi hijiex possibbli.

70 B'dan ippreċiżat, u fir-rigward, l-ewwel nett, tal-effett dirett eventwali li għandu jiġi rrikonoxxut lill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-aspett tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat jew meta dan ikun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew meta dan ikun ittrasponiha b'mod inkorrett (sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, meta l-partijiet f'kawża jkunu f'pożizzjoni li jinvokaw direttiva fil-konfront ta' Stat, huma jistgħu jagħmlu dan irrispettivament mill-kwalità li fiha dan tal-aħħar jaġixxi, jiġifieri bħala persuna li timpjega jew bħala awtorità pubblika. Fiż-żewġ każijiet, fil-fatt, għandu jiġi evitat li l-Istat ikun jista' jieħu vantaġġ min-nuqqas ta' osservanza tiegħu tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

71 Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li dispożizzjonijiet inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi ta' direttiva jistgħu jiġu invokati mill-persuni f'kawża, b'mod partikolari fil-konfront ta' Stat Membru u tal-korpi kollha tal-amministrazzjoni tiegħu, inklużi l-awtoritajiet deċentralizzati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jissodisfa dawn il-kriterji ta' inkundizzjonalità u ta' preċiżjoni suffiċjenti, peress li jimponi fuq l-Istati Membri, f'termini li ma humiex ekwivoċi, obbligu ta' riżultat preċiż u li ma jinkludi l-ebda kundizzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regola li huwa jistabbilixxi, li tikkonsisti fl-għoti, lil kull ħaddiem, ta' leave annwali mħallas ta' mill-inqas erba' ġimgħat. Dan l-artikolu għaldaqstant jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jipproduċi effett dirett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez, C-282/10, EU:C:2012:33, punti 34 sa 36).

73 F'dak li jikkonċerna l-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva, kif imfakkar fil-punt 44 ta' din is-sentenza, l-imsemmija dispożizzjoni ma tistabbilixxi ebda kundizzjoni għall-għoti tad-dritt għal kumpens finanzjarju għajr dak relatat mal-fatt, minn naħa, li r-relazzjoni ta' xogħol tkun intemmet u, min-naħa l-oħra, li l-ħaddiem ma jkunx ħa l-leave annwali kollu li għalih huwa kien intitolat fid-data meta din ir-relazzjoni ntemmet. Dan id-dritt jingħata direttament mill-imsemmija direttiva u ma jistax jiddependi fuq kundizzjonijiet oħra għajr dawk li huma espliċitament previsti fiha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, Bollacke, C-118/13, EU:C:2014:1755, punt 28). B'hekk, min-naħa tagħha, l-imsemmija dispożizzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikollha effett dirett.

74 F'dan il-każ, fir-rigward tal-Kawża C-569/16, huwa paċifiku, minn naħa, li fid-data tal-mewt tiegħu li wasslet għat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol mal-belt ta' Wuppertal, is-Sur Bauer ma kienx ħa l-leave annwali mħallas kollu li kien intitolat għalih f'dik id-data, u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija persuna li timpjega għandha l-kwalità ta' awtorità pubblika deċentralizzata.

75 Peress li, hekk kif jirriżulta mill-punti 72 u 73 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikun prodott effett dirett, is-Sur Bauer, jew, minħabba l-mewt ta' dan tal-aħħar, l-aventi kawża tiegħu, għandhom, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra fil-punti 70 u 71 ta' din is-sentenza, id-dritt li jiksbu, mingħand il-belt ta'

Wuppertal, kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas miksub taħt l-imsemmija dispożizzjoni u mhux meħud mill-persuna kkonċernata, u, f'dan ir-rigward, il-qrati nazzjonali huma obbligati jħallu mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali li, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tipprekludi l-kisba ta' tali kumpens.

76 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda t-tilwima fil-Kawża C-570/16 bejn M. Broßonn, fil-kwalità tagħha ta' aventi kawża ta' żewġha li miet, u l-persuna li kienet timpjegah, V. Willmeroth, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, direttiva ma tistax, fiha nfisha, toħloq obbligi fil-konfront ta' individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata bħala tali kontra tiegħu. Fil-fatt, jekk l-invokabbiltà ta' dispożizzjoni ta' direttiva mhux trasposta jew trasposta b'mod skorrett tiġi estiża għall-qasam tar-relazzjonijiet bejn l-individwi, dan iwassal sabiex jiġi rrikonoxxut li l-Unjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi, b'effett immedjat, obbligi fuq l-individwi, meta fil-fatt l-Unjoni għandha din il-kompetenza biss fejn ingħatat is-setgħa li tadotta regolamenti (sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Għaldaqstant, anki dispożizzjoni ċara, preċiża u inkondizzjonata ta' direttiva intiża sabiex tikkonferixxi drittijiet jew timponi obbligi fuq l-individwi ma tistax tiġi applikata bħala tali fil-kuntest ta' tilwima esklużivament bejn individwi (sentenza tat-7 ta' Awwissu 2018, Smith, C-122/17, EU:C:2018:631, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għalhekk ma jistax jiġi invokat f'tilwima bejn individwi biex jiġi żgurat l-effett sħiħ tad-dritt għal-leave annwali mħallas u li jħalli mhux applikata kull dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja (sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Fenoll, C-316/13, EU:C:2015:200, punt 48).

79 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, fit-tieni lok għandha tiġi eżaminata l-portata tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, u dan sabiex jiġi stabbilit jekk din id-dispożizzjoni, li fir-rigward tagħha, fil-punti 52 sa 63 ta' din is-sentenza, ġie stabbilit li hija intiża li tapplika għal sitwazzjonijiet bħal dawk fil-kawżi prinċipali u li din għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tista' tiġi invokata f'tilwima bejn individwi, bħal dik li tikkaratterizza l-Kawża C-570/16, sabiex il-qorti nazzjonali twarrab din il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tagħti lill-aventi kawża tal-ħaddiem li jkun miet, a spejjeż tal-persuna li kienet timpjegah, kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas mhux meħud li l-imsemmi ħaddiem kien intitolat għalih, skont id-dritt tal-Unjoni, fid-data tal-mewt tiegħu.

80 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt għal-leave annwali mħallas jikkostitwixxi prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni.

81 Dan il-prinċipju joriġina kemm minn strumenti żviluppati mill-Istati Membri fil-livell tal-Unjoni, bħall-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, barra minn hekk imsemmija fl-Artikolu 151 TFUE, kif ukoll fi strumenti internazzjonali li għalihom l-Istati Membri kkooperaw jew aderixxew. Fost dawn tal-aħħar hemm il-Karta Soċjali Ewropea, li l-Istati Membri kollha huma parti fiha billi aderixxew magħha fil-verżjoni oriġinali tagħha, fil-verżjoni riveduta tagħha jew fiż-żewġ verżjonijiet tagħha, imsemmija wkoll fl-Artikolu 151 TFUE. Għandha wkoll tissemma l-Konvenzjoni Nru 132 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-24 ta' Ġunju 1970 dwar il-leave annwali mħallas (riveduta), li, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fil-punti 37 u 38 tas-sentenza tal-20 ta' Jannar 2009 Schultz-Hoff *et* (C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18), issemmi prinċipji tal-imsemmija organizzazzjoni li l-premessa 6 tad-Direttiva 2003/88 tippreċiża li għandu jittieħed kont tagħhom.

82 F'dan ir-rigward, ir-raba' premessa tad-Direttiva 93/104 tfakkar, b'mod partikolari, li l-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tiddikjara, fil-paragrafu 8 tagħha, li kull ħaddiem tal-Unjoni għandu d-dritt, b'mod partikolari, għal leave annwali mħallas li t-tul tiegħu għandu jiġi armonizzat progressivament, skont il-prattiċi nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU, C-173/99, EU:C:2001:356, punt 39).

83 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/104 u l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għaldaqstant ma jistabbilixxux minnhom infushom id-dritt għal-leave annwali mħallas, li joriġina, b'mod partikolari, minn diversi strumenti internazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punt 75) u, bħala prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni, huwa ta' natura imperattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Robinson-Steele *et*, C-131/04 u C-257/04, EU:C:2006:177, punti 48 u 68), peress li l-imsemmi prinċipju essenzjali jinkludi, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 58 ta' din is-sentenza, id-dritt għal-leave annwali "mħallas" bħala tali u d-dritt, inerenti għal tal-ewwel, għal kumpens finanzjarju għal-leave annwali mhux meħud fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol.

84 Billi, f'termini imperattivi, ipprovda li "kull ħaddiem" għandu "dritt" "għal perjodu annwali ta' leave imħallas", mingħajr ma, b'mod partikolari, għamel riferiment f'dan ir-rigward, bħalma għamel, pereżempju, l-Artikolu 27 tal-Karta li wassal għas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2014, Association de médiation sociale (C-176/12, EU:C:2014:2), għal "każijiet u […] il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali", l-Artikolu 31(2) tal-Karta jirrifletti l-prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni li minnu jista' jkun hemm derogi biss f'konformità mal-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, b'mod partikolari, f'konformità mal-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal-leave annwali mħallas.

85 Id-dritt għal perijodu ta' leave annwali mħallas, stabbilit għal kull ħaddiem mill-Artikolu 31(2) tal-Karta, għalsaqstant għandu, fir-rigward tal-eżistenza tiegħu stess, natura kemm imperattiva u inkundizzjonata, u din tal-aħħar fil-fatt ma teħtieġx li tiġi kkonkretizzata permezz ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali, liema drittijiet huma biss meħtieġa jippreċiżaw it-tul eżatt tal-leave annwali u, fejn xieraq, ċerti kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt. Minn dan isegwi li l-imsemmija dispożizzjoni hija suffiċjenti fiha nfisha sabiex tagħti lill-ħaddiema dritt invokabbli bħala tali f'tilwima bejnhom u l-persuna li timpjegahom f'sitwazzjoni koperta mid-dritt tal-Unjoni u li, għalhekk, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punt 76).

86 L-Artikolu 31(2) tal-Karta għandu, għaldaqstant, b'mod partikolari, il-konsegwenza, f'dak li jikkonċerna s-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, minn naħa, li l-qorti nazzjonali għandha tħalli mhux applikata leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li twassal sabiex il-mewt ta' ħaddiem iċċaħħdu retroattivament mill-benefiċċju tad-drittijiet għal-leave annwali mħallas li jkun kiseb qabel il-mewt tiegħu, u, għaldaqstant, iċċaħħad lill-aventi kawża tiegħu mill-benefiċċju tal-kumpens finanzjarju alternattiv, bħala aspett patrimonjali li jikkostitwixxi l-imsemmija drittijiet, u, min-naħa l-oħra, li l-persuni li jimpjegaw ma jistgħux jinvokaw l-eżistenza ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jevitaw il-ħlas tal-imsemmi kumpens finanzjarju li għandhom iwettqu skont id-dritt fundamentali hekk iggarantit minn din id-dispożizzjoni.

87 Fir-rigward tal-effett maħluq mill-Artikolu 31(2) tal-Karta fir-rigward tal-persuni li jimpjegaw li jkollhom il-kwalità ta' individwu, hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm l-Artikolu 51(1) ta' din il-Karta jispeċifika li d-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fl-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, l-imsemmi Artikolu 51(1), min-naħa l-oħra, ma jikkonċernax il-punt dwar jekk tali individwi jistgħux, skont il-każ, jinsabu direttament suġġetti għall-osservanza ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-imsemmija Karta u, għaldaqstant, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi sistematikament tali eventwalità.

88 Qabelxejn, u kif l-Avukat Ġenerali fakkar fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt primarju huma indirizzati, primarjament, lill-Istati Membri, dan ma huwiex ta' natura li jeskludi li dawn jistgħu japplikaw fir-relazzjonijiet bejn individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punt 77).

89 Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, diġà aċċettat li l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 21(1) tal-Karta hija suffiċjenti fiha nfisha sabiex tagħti lil individwu dritt invokabbli bħala tali f'tilwima ma' individwu ieħor (sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punt 76), mingħajr, għalhekk, ma l-Artikolu 51(1) tal-Karta jxekkel dan.

90 Fl-aħħar nett, u fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, għandu jiġi enfasizzat li d-dritt, għal kull ħaddiem, għal perijodi ta' leave annwali mħallas jimponi, min-natura tiegħu stess, obbligu korrispondenti fuq il-persuna li timpjega, jiġifieri dak tal-għoti ta' tali perijodi ta' leave imħallas.

91 Fil-każ fejn il-qorti tar-rinviju ma tkunx tista' tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'tali mod li tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-Artikolu 31(2) tal-Karta, hija jkollha, għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal dik li tikkaratterizza l-Kawża C-570/16, tiżgura, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, il-protezzjoni ġuridika li tirriżulta mill-imsemmija dispożizzjoni u tiżgura l-effett sħiħ tagħha billi jekk ikun il-każ ma tapplikax l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Egenberger, C-414/16, EU:C:2018:257, punt 79).

92 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li r-risposta għat-tieni parti tad-domanda fil-Kawża C-569/16 kif ukoll għat-tieni parti tal-ewwel domanda u għat-tieni domanda fil-Kawża C-570/16 tkun li, fil-każ ta' impossibbiltà li tinterpreta leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod li tiżgura l-konformità tagħha mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u mal-Artikolu 31(2) tal-Karta, il-qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn l-aventi kawża ta' ħaddiem li miet u l-persuna li kienet timpjega lil dan il-ħaddiem, għandha tħalli mhux applikata l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali u tiżgura li l-imsemmi aventi kawża jingħata, għad-detriment ta' din il-persuna li timpjega, il-benefiċċju ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas miksub skont l-imsemmija dispożizzjonijiet u mhux meħud minn dan il-ħaddiem qabel mewtu. Dan l-obbligu huwa impost fuq il-qorti nazzjonali skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta meta t-tilwima tkun bejn tali aventi kawża u persuna li timpjega li għandha l-kwalità ta' awtorità pubblika, u skont it-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet meta t-tilwima tkun bejn l-aventi kawża u l-persuna li timpjega li jkollha l-kwalità ta' individwu.

Fuq l-ispejjeż

93 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li b'applikazzjoni tagħha, meta r-relazzjoni ta' xogħol tintemm minħabba l-mewt tal-ħaddiem, id-dritt għal-leave annwali mħallas miksub skont l-imsemmija dispożizzjonijiet**

u mhux meħud minn dan il-ħaddiem qabel il-mewt tiegħu jispiċċa mingħajr ma jkun jista' jagħti lok għal dritt għal kumpens finanzjarju għall-imsemmi leave li jkun trażmissibbli lill-aventi kawża tal-imsemmi ħaddiem permezz tas-suċċessjoni.

2) **Fil-każ ta' impossibbiltà li tinterpreta leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod li tiżgura l-konformità tagħha mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u mal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-qorti nazzjonali, adita b'tilwima bejn l-aventi kawża ta' ħaddiem li miet u l-persuna li kienet timpjega lil dan il-ħaddiem, għandha tħalli mhux applikata l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali u tiżgura li l-imsemmi aventi kawża jingħata, għad-detriment ta' din il-persuna li timpjega, il-benefiċċju ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali mħallas miksub skont l-imsemmija dispożizzjonijiet u mhux meħud minn dan il-ħaddiem qabel mewtu. Dan l-obbligu huwa impost fuq il-qorti nazzjonali skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali meta t-tilwima tkun bejn tali aventi kawża u persuna li timpjega li għandha l-kwalità ta' awtorità pubblika, u skont it-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet meta t-tilwima tkun bejn l-aventi kawża u l-persuna li timpjega li jkollha l-kwalità ta' individwu.**

Firem